32000R2578

25.11.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 298/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2578/2000
tas-17 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2406/96 li jistabbilixxi livelli komuni għall-marketing ta' ċerti prodotti tas-sajd

IL-KUNSILL TA'L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd u l-akwakultura [1], u partikolarment l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 104/2000 [2] iżid ħames speċi ġodda mal-lista tal-prodotti eleġibbli għall-mekkaniżmi ta'l-intervent taħt l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq.

(2) Għalhekk hemm bżonn li jiġu stabbiliti standards komuni ta' marketing, armonizzati fil-Komunità kollha, għall-dawk l-ispeċi billi jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2406/96 [3],

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2406/96 qiegħed b'hekk jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3:

(a) fil-paragrafu 1, il-lista taħt (a) għandha tiġi supplimentata bl-inċiżi li ġejjin:

"- 'Il-mulett strixxjat jew aħmar (Mullus barbatus, Mullus surmuletus)

- It-tannuta sewda tal-baħar (Spondyliosoma cantharus)";

(b) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied punt ġdid (d):

"(d) L-arzella komuni u akwatiċi oħra bla sinsla li jaqgħu taħt il-kodiċi NK 0307:

— L-arzella komuni (Pecten maximus)

— Il-bronja komuni (Buccinum undatum)"

2. L-ewwel sub-paragrafu ta'l-Artikolu 4(3) għandu jinbidel għal:

"3. Il-granċ, l-arzella komuni u l-bronja komuni msemmija fl-Artikolu 3 m'għandhomx jiġu kklassifikati skond l-istandards speċifiċi ta' kemm ikunu friski."

3. L-Artikolu 7(1) għandu jinbidel b'li ġej:

"1. Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jitqiesu skond il-piż jew in-numru għal kull kilogramm. Il-gambli u l-granċi, madankollu, għandhom jiġu gradati f'kategoriji skond il-ħxuna tal-qoxra; l-arzell komuni u l-bronji komuni għandhom jiġu gradati f'kategoriji skond il-ħxuna tal-qoxra."

4. Fl-Anness II, it-tabella li tidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament tikkonċerna l-kategorijii tad-daqs applikabbli għall-mulett strixxjat jew aħmar, it-tannuta sewda tal-baħar, l-arzella komuni u l-bronja komuni għandhom jiżdiedu wara t-tabella eżistenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-Gurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 2001.

---

[1] ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).
[2] ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.
[3] ĠU L 334, tat-23.12.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 323/97 (ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 8).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GLAVANY

L-ANNESS

"Skala ta'l-użin				Daqsijiet minimi li għandhom jiġu osservati fil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 7		
Speċje	Daqs	Kg/hut jew daqs ta' qoxra	Numru ta' ħut/Kg	Reġjun	Qasam ġeografiku	Daqs minimu
L-arzella komuni *(Pecten maximus)*	Daqs wieħed	10 ċm u aktar (3)			Reġjuni 1 sa 5 ħlief Skagerrak/ Kattegat u ħlief ICES Vlla fit-tramuntana ta' 52 grad 30' N u Vlld	100 mm (1)
					ICES Vlla fit-tramuntana ta' 52 grad 30' N u Vlld	110 mm (1)
Il-bronja komuni *(Buccinum undatum)*	Daqs wieħed	4,5 ċm u aktar (3)			Reġjuni minn 1 sa 5 ħlief Skagerrak/ Kattegat	45 mm (1)
Il-mulett strixxjat jew aħmar *(Mullus surmuletus, Mullus barbatus)*	1	500 g u aktar				
	2	200 g 500 g esklussivi				
	3a	40 g sa 200 g esklussivi				
Il-Mediterran	3b	18 g sa 200 g esklussivi			Il-Mediterran	11 ċm (2)
It-tannuta sewda tal-baħar *(Spondyliosoma cantharus)*	1	800 g u aktar				
	2	500 g sa 800 g esklussivi				
	3	300 g sa 500 g esklussivi				
	4	180 g sa 300 g esklussivi				

(1) Kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni tal-frieħ ta'l-organiżmi tal-baħar (O) L 125, tas-27.4.1998, p.1). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1298/2000 (O) L 148, tat-22.6.2000, p. 1).

(2) Kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1626/94.

(3) Il-wisa' tal-qoxra mkejjel fl-usa post"